

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Leġiżlazzjoni U Każistika](#) > [Każistika Nazzjonali](#) > [France](#)

## Każistika nazzjonali

Franza

Il-kontenut ipprovdut  
minn  
Franza



F'din it-taqsimha inti għandek issib ħarsa ġenerali lejha sorsi ta' każistika u x'jinkludu, kif ukoll links għad-databases rilevanti.

### Siti elettroniċi disponibbli

1. Portal globali uffiċjali: [Legifrance](#)

- [Każistika Ġudizzjali](#)
- [Każistika Amministrattiva](#)
- [Każistika Kostituzzjonali](#)

2. Siti elettroniċi għall-Qrati:

- [Qorti tal-Kassazzjoni](#)
- [Kunsill tal-Istat](#)
- [Kunsill Kostituzzjonali](#)
- [Uffiċċju tal-Verifika](#)

3. Sit elettroniku għall-[Ministeru tal-Ġustizzja](#)

### Preżentazzjoni tad-Deċiżjonijiet / Sommarji

B'mod ġenerali, id-deċiżjonijiet jibdeu b'lista ta' kliem ewlieni jew b'"astratt" segwit minn sommarju (resumé) tal-iktar punti importanti tal-liġi u referenzi għall-istatuti jew għal deċiżjonijiet preċedenti.

#### Eżempju

Għall-Qorti tal-Kassazzjoni, minbarra referenzi ta' identifikazzjoni, id-dokumenti jinkludu elementi ta' analiżi. Is-sommarju, abbozzat minn maġistrat tal-qorti li ta d-deċiżjoni, huwa resumé tal-kwistjoni legali indirizzata. It-titlu, maħluq mis-sommarju tad-deċiżjoni, huwa suċċessjoni ta' kliem ewlieni ppreżentat f'ordni ta' importanza. Il-kliem ewlieni użat huwa meħud min-nomenklatura tal-Qorti tal-Kassazzjoni, kif ipprovduta fit-tabelli tal-Bullettin tal-Qorti ppubblikati annwalment, disponibbli taħt it-titlu "Titrage". Huma jistgħu jiġu aċċessati billi tiklikkja [titrage](#) fil-forma ta' tffittxija avanzata tal-każistika ġudizzjali.

Per [eżempju](#): Qorti tal-Kassazzjoni, Sala Ċivili 2, Sessjoni Pubblika tal-Ħamis 18 ta' Diċembru 2008, Appell Nru. 07-20238, Appell mid-deċiżjoni ta': Qorti tal-Appell ta' Basse-Terre tat-23 ta' April 2007

Titli u resums: PROCÉDURA ĊIVILI – Konklużjonijiet – Trattazzjonijiet finali – Qasam tal-applikazzjoni

Il-Qorti tal-Appell kisret l-Artikolu 954, paragrafu 2, tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili billi ddeċidiet li talbiet u raġunijiet mhux ripetuti fit-trattazzjonijiet finali kienu abbandunati, billi ma kinux jiddeterminaw in-natura tas-suġġett tal-proċeduri u ma kinux iqajmu punt ta' liġi li kapaċi li jgħib il-proċeduri fi tmiem.

PROCĊEDURA ĊIVILI - Konklużjonijiet - Konklużjonijiet tal-Appell - Trattazzjonijiet Finali - Qbil mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 954, il-paragrafu 2, tal-Kodiċi l-ġdid tal-Proċedura Ċivili - Nuqqas - Skop  
 PROCĊEDURA ĊIVILI - Konklużjonijiet - Konklużjonijiet tal-Appell - Trattazzjonijiet Finali - Tifsira - Esklużjoni - Każ - Konklużjonijiet li jitolbu proċeduri ta' inkjesta

DEĊIŻJONIIET U ĠUDIZZJI - Konklużjonijiet - Konklużjonijiet tal-Appell - Trattazzjonijiet Finali - Qasam tal-applikazzjoni

Preċedenti ta' Każistika: Fuq il-kunċett tat-trattazzjonijiet finali fil-kuntest tal-Artikolu 954, il-paragrafu 2, tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, ara Ċivili 2, 3 ta' Mejju 2001, Nru. 99-16.293, Bull. 2001, II, Nru. 87 (miċħuda), u l-opinjoni kkwotata; Ċivili 2, 20 ta' Jannar 2005, Nru. 03-12.834, Bull. 2005, II, Nru. 20 (nulla), u d-deċiżjonijiet ikkwotati

Liġi applikata: L-Artikolu 954, paragrafu 2, tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili

## Format

Il-Każistika hija disponibbli f' dawn il-formati: (e.g. PDF, html u XML)? XML għal deċiżjonijiet tal-qradi supremi, inkella html.

Qradi li l-każistika tagħhom kienet koperta

Qorti Suprema

Il-Qorti tal-Kassazzjoni, il-Kunsill tal-Istat u l-Kunsill Kostituzzjonali

Qradi Ordinarji

Qradi tal-Appell ġudizzjali u amministrattivi

Qradi speċjalizzati

Uffiċċju tal-awditjar

Intraċċar tal-proċeduri li jkunu għaddejnin

	Qorti Suprema	Qradi Oħrajn
Hemm informazzjoni dwar: L-eżistenza tal-appell?	Iva għall-Kunsill Kostituzzjonali Qed jiġu implimentati għall-Qorti tal-Kassazzjoni Riservat għall-partijiet għall-Kunsill tal-Istat	Le
Il-fatt li l-każ għadu pendenti	Le	Le
Ir-riżultat tal-appell	Iva	Le
Jekk deċiżjoni hijiex irrevokabbli u definittiva	Iva	Iva
Il-fatt li l-proċeduri jistgħu jiġu segwiti f' Qorti oħra (Qorti Kostituzzjonali)?	Le	Iva
Il-Qorti Ewropea għall-Ġustizzja?	Iva	Iva
Il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem?	Iva	Iva
Regoli tal-Pubblikazzjoni		
	Fuq livell nazzjonali? Għal deċiżjonijiet ta' ċerti qradi?	
Hemm xi regoli obbligatorji dwar il-pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet tal-qradi?	Iva	Le
Qradi tal-Kassazzjoni		

[Skont l-Artikolu R433-3](#) tal-Kodiċi Franċiża tal-Organizzazzjoni Ġudizzjali, is-servizz tad-dokumentazzjoni u analiżi għandu database li jinkludi, taħt l-istess nomenklatura:

- l-ewwelnett, id-deċiżjonijiet u l-opinjoni tal-Qorti tal-Kassazzjoni u tal-qradi jew il-kummissjonijiet tal-qradi marbuta miegħu, ippubblikati jew le fil-bullettini ta' darba fix-xahar li hemm referenza għalihom fl-Artikolu R. 433-4,

- u t-tieninett, id-deċiżjonijiet ta' interess partikolari mogħtija minn qrati ġudizzjali oħrajn.

Għal dak l-għan, deċiżjonijiet ġudizzjali ta' interess partikolari jintbagħtu lis-servizz, taħt il-kundizzjonijiet fissi b'ordni tal-Ministru Franċiż għall-Ġustizzja, mill-prim imħallfin tal-qorti tal-appell jew direttament mill-imħallfin li jippresiedu jew l-imħallfin li jippresiedu fuq il-qrati tal-ewwel livell.

Id-database hija aċċessibbli għall-pubbliku taħt il-kundizzjonijiet applikabbli għas-servizz pubbliku għall-pubblikazzjoni legali fuq l-internet.

Is-servizz ta' dokumentazzjoni u analiżi għandu database separata li tinkludi d-deċiżjonijiet kollha ppronunzjatimill-qorti tal-appell u d-deċiżjonijiet ġudizzjali magħmula mill-prim imħallfin ta' dawn il-qrati jew mid-delegati tagħhom. Il-kundizzjonijiet li taħthom dawn l-ordnijiet u d-deċiżjonijiet jintbagħtu lis-servizz u jintużaw mis-servizz huma ffissati minn ministru tal-ordni tal-ġustizzja.

Skont l-[Artikolu R433-4](#), is-servizz tad-dokumentazzjoni u analiżi jipproduċi 2 bullettini darba fix-xahar, wieħed għall-awli ċivili, l-ieħor għall-awla kriminali, li jirreferu għad-deċiżjonijiet u l-opinjoni jiet li għandhom ikunu ppubblikati b'deċiżjoni tal-imħallf li jkun qed jippresiedi tal-qorti li ppronunzjathom. Is-servizz jipprovdi skedi.

Kunsill tal-Istat

Skont Artikolu L10 tal-[Kodiċi tal-Ġustizzja Amministrattiva](#), il-ġudizzji huma pubbliċi. Huma jinkludu l-isem tal-imħallfin li jippronunzjawhom.

	Qorti suprema	Qrati oħrajn
	Test sħiħ tad-deċiżjonijiet kollha fid-databases on line.	
Huwa ppubblikat test sħiħ jew parti magħżula minnu?	Għażla ta' deċiżjonijiet sħiħa fuq il-karta (Qorti tal-Kassazzjoni u Kunsill tal-Istat) u resumé għal għażla oħra ta' deċiżjonijiet.	Pubblikazzjoni tal-argumenti għal għażla ta' deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Appell
Jekk tkun ippubblikata għażla, x'inhuma l-kriterji?	Għażla tal-Qorti	Għażla tal-Qorti

■ L-aħħar aġġornament: 13/12/2016

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.